MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1804/2005

**Maltacom Plc**

**vs**

**Vincent Borg**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta'Ottubru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' erbgha mija hamsa u sittin lira Maltija u hmistax il-centezmu (Lm465.15) dovuta in in kwantu ghall-ammont ta' Lm157.31 in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21372903, u in kwantu ghall-ammont ta' Lm307.84 in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21314380, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fit-23 ta’ Ottubru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ erbgha mija hamsa u sittin lira Maltija u hmistax il-centezmu (Lm465.15) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------